

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 295/2019

tat-13 ta' Diċembru 2019

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE  
[2020/313]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,  
Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1331 tal-5 ta' Awwissu 2019 dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni ta' prodott bijoċidali li fiha iż-żejt tal-peppermint u ċ-ċitronellal imressqa mir-Renju Unit skont l-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(1)</sup> trid tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness II tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej jiddied wara l-punt 12zzzzzza (id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1030) tal-Kapitolu XV tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

"12zzzzzb. **32019 D 1331**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1331 tal-5 ta' Awwissu 2019 dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni ta' prodott bijoċidali li fiha iż-żejt tal-peppermint u ċ-ċitronellal imressqa mir-Renju Unit skont l-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 207, 7.8.2019, p. 37)."

*Artikolu 2*

It-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1331 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-14 ta' Diċembru 2019, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (\*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Diċembru 2019.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Gunnar PÁLSSON

<sup>(1)</sup> ĠU L 207, 7.8.2019, p. 37.

(\*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.